MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tas-17 ta' Lulju, 2015

Numru. 453/2009

**Il-Pulizija**

**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Kenneth Ellul**

**(ID 444374(M))**

**Illum, 17 ta' Lulju 2015**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Kenneth Ellul ta' 34 sena, imwieled il-Pieta` fil-15 ta' Settembru 1974, iben Joseph Mary u Iris nee` Caruana, residenti Nru. 3, 'Mon Cheri', Triq Spiru Spiteri, Tarxien jew Nru. 103A, Triq tal-Borg, Paola, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 444374(M);

Akkuzat talli fit-3 ta' Marzu 2009 u matul it-tliet xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer:

1) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President

ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenza mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenza mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

5) Akkuzat ukoll talli fl-4 ta' Marzu 2009, xjentement issoprima jew b'xi mod iehor qered jew biddel it-tracci jew l-indizji ta' reat bi ksur tal-Artikolu 111 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba titratta mal-imputat bhala wiehed li sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta).

Il-Qorti giet mitluba wkoll li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz id-digriet taghha tat-28 ta' Marzu 2014, l-ezami tal-imputat ai termini tal-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn huwa wiegeb li mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li huwa ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja (dan in kwantu jirrigwarda l-hames imputazzjoni), rat ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja, kif ukoll l-Ordni tal-Avukat Generali ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat ukoll illi fis-seduta tat-28 ta' Marzu 2014, id-difiza ddikjarat illi kienet qeghda tezenta lill-Prosekuzzjoni milli terga' tressaq il-provi kollha li tressqu f'din il-kawza sa dakinhar u illi fis-seduta ta' llum stess, gie wkoll dikjarat ghal kull buon fini illi d-difiza kienet qeghda tezenta lil din il-Qorti kif preseduta milli terga' tisma' l-provi mismugha quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**:

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar il-Htija</u>**

Fix-xhieda tieghu, **l-Ispettur Johann J. Fenech** spjega x'kien li wassal ghall-arrest tal-imputat nhar it-3 ta' Marzu 2009 ghall-habta tas-1.00 p.m., minn pulizija tal-Iskwadra ta' kontra d-Droga. Huwa jghid illi l-imputat irrilaxxja stqarrija, esebita bhala Dok. JF1 u datata 4 ta' Marzu 2009. L-Ispettur Fenech jghid ukoll illi sussegwentement, f'xi hin waqt li kienu fl-ufficju tieghu, hu, l-imputat u PS 635 Alan Calleja, l-imputat qal lix-xhud li kellu bzonn jiehu l-mistura. Ghalhekk l-istess xhud hareg mill-ufficju tieghu sabiex ifittex skorta ghall-istess imputat. Jghid illi fuq l-iskrivanija tieghu, wara t-*tower* tal-kompjuter, halla z-zewgt iqratas li nstabu lill-imputat waqt it-tfittxija li saritlu fil-jum ta' qabel. Hekk kif huwa rega' dahal u baghat lill-imputat ghall-mistura gewwa d-*Detox*, is-Surgent Calleja infurmah illi z-zewgt iqratas li kienu fuq l-iskrivanija, ma kinux ghadhom hemm. X'hin l-imputat wasal lura mid-*Detox*, saritlu tfittxija, izda ma nstab xejn. Minn tfittxija li saret fir-*reception area* tas-CID, gewwa qasrija instabet bicca *plastic bag* zghira (kantuniera) li ssuspettaw li kienet il-borza ta' wahda miz-zewgt iqratas li kellu l-imputat fil-pussess tieghu. Ix-xhud jghid illi din instabet gewwa bott wara l-bieb qabel wiehed jidhol ghas-Sezzjoni tal-Iskwadra tad-Droga. In oltre minn tfittxija li saret fic-cella fejn kien mizmum l-imputat gewwa s-CID, fit-*toilet* sabu bicca *plastic bag* ohra fl-ilma. Ghalhekk, huwa rega' baghat ghall-imputat u hadlu stqarrija ohra li giet esebita bhala Dok. JF2. Skond ix-xhud, l-imputat qallu illi dawn il-qratas kien hadhom hu minn fuq l-iskrivanija, ghaliex waqa' *sick* peress illi ried id-droga u li kien ikkunsmahom fic-cella tieghu. Ix-xhud esebixxa l-bicciet tal-*plastic* zghar li nstabu mill-pulizija bhala Dok. JF4.

In kontro-ezami, mistoqsi jistax jghid li l-boroz li gew esebiti kienu l-istess boroz li ttiehdu minn fuq l-iskrivanija tieghu, huwa wiegeb illi dan kien qalulu l-imputat waqt l-istqarrija tieghu. Jghid illi f'dan il-kaz l-imputat kien gie arrestat kmieni wara nofsinhar, saritlu tfittixija u ttiehed fil-*lock up*. Wara li ttella' mil-*lock up* u kellmu fit-tul, rega' tnizzel fil-*lock up*, izda dak il-hin ma saritlux tfittxija la darba kien diga` registrat fil-*lock up.* Qal illi waqt li l-imputat kien fl-ufficju tieghu, mieghu kien hemm is-Surgent li dak il-hin kien qed jipprepara xi karti biex jghin lix-xhud. Dwar il-bicca *plastic* li nstabet fis-CID *area*, ix-xhud

ikkonferma li din instabet fil-qasrija fir-*reception area*, qabel tidhol fl-ufficji tal-Iskwadra ta' kontra d-Droga.[1]

Fix-xhieda tieghu, **PS 1086 Johann Micallef** qal illi fit-3 ta' Marzu 2009, l-imputat gie imwaqqaf u hekk kif marru fuqu, rawh jgholli jdejh u jarmi xi haga li rrizultaw li kienu zewg pakketti – wiehed bi trab abjad u l-iehor bi trab kannella. Meta l-imputat rema dawn il-qratas, wiehed gie fuq saqajh stess, fil-waqt illi l-iehor spicca ftit izjed 'il boghod, gewwa parapett. Fuq il-post, kien hemm mieghu certu Jesmond Cassar. Waqt li kienu qeghdin jitkellmu mal-imputat, mir-residenza hargu Amanda Camilleri u ohtha Donna Camilleri u kien hemm ukoll Mark Anthony Ellul. Minn tfittxija li saret fir-residenza, fejn dak iz-zmien kien jabita l-imputat, instab xi *foil* mahruq. L-oggetti misjuba gew *tagged*, il-persuni msemmija gew arrestati u mehuda gewwa l-Kwartieri tal-Pulizija.[2]

**PS 579 Antoine Micallef** xehed illi fit-3 ta' Marzu 2009, ghall-habta tas-1.00 p.m., huwa flimkien ma' membri ohra mill-Iskwadra kontra d-Droga waqqfu lill-imputat li kien flimkien ma' Jesmond Cassar. Hekk kif hargu mill-vettura, huwa mar fuq l-imputat u nnutah jarmi qartas bi trab kannella li gie go parapet. Minn taht l-imputat, eleva qartas iehor bi trab abjad. Minn tfittxija li saret fuq il-persuna tieghu, elevaw ukoll *envelope* li kien fih metall isfar suspettat deheb. Fuq il-post kien hemm ukoll certu Mark Anthony Ellul u minn gewwa l-fond 3, Triq Spiru Spiteri, Tarxien, hargu Amanda Camilleri u ohtha Donna Camilleri.[3]

**PS 635 Alan Calleja** xehed illi fl-4 ta' Marzu 2009, waqt li kien qieghed xoghol gewwa l-ufficju tal-Ispettur Fenech kien hemm l-imputat li kien qed jigi interrogat mill-istess Spettur. Huwa kien qed jaghmel xi xoghol ta' karti fuq il-kompjuter rigward il-kaz tal-imputat. Skond ix-xhud, l-imputat ilmenta illi huwa ried imur gewwa d-*Detox* sabiex jiehu l-medicina u bdew isiru l-arrangamenti sabiex jigi skortat lejn id-*Detox.* F'xi hin l-Ispettur Fenech hareg mill-ufficju, fil-waqt li bil-qeghda quddiemu kien hemm l-imputat li kien qed

[1] A fol. 25 *et seq* tal-process.
[2] A fol. 59 *et seq* tal-process.
[3] A fol. 62 *et seq* tal-process.

jaghtih dahru. Wara li l-imputat gie skortat 'il barra, huwa nnota li l-pakkett li suppost kien fih borza bi trab kannella u borza bi trab abjad ma kienx qieghed fuq l-iskrivanija tal-Ispettur u huwa nforma b'dan minnufih lill-Ispettur Fenech. Sadanittant, l-imputat kien hareg mill-ufficju sabiex isiru l-arrangamenti biex jittiehed gewwa d-*Detox*, imma kien ghadu fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Flimkien ma' PS 579, huwa nizel mill-ewwel fil-*lock up,* fic-cella tal-imputat, fejn fit-*toilet bowl* sab borza bi tracci bojod. Huwa kellem lill-imputat li ghall-ewwel cahad li ha l-affarijiet minn fuq l-iskrivanija tal-Ispettur Fenech. Saret tfittxija fl-inhawi tal-ufficini, fejn f'qasrija qabel wiehed jidhol fil-*common area* tal-ufficini, instabet il-borza tal-esebiti vojta. Skond ix-xhud, sussegwentement, l-Ispettur Fenech rega' tkellem mal-imputat, li ammetta li kien ha l-boroz tad-droga minn fuq l-iskrivanija. Ix-xhud qal ukoll illi fic-cella, kien hemm biss l-imputat u li huwa biss kellu access ghat-*toilet.*

In kontro-ezami, ix-xhud qal illi waqt li l-imputat kien fl-ufficju tal-Ispettur, kien hemm biss hu u l-Ispettur. Ix-xufier PC 642 kien fl-ufficju, izda imbaghad hareg biex l-imputat jittiehed id-*Detox.* Huwa qal illi l-imputat kien ilu fic-cella mill-jum ta' qabel u li kien ittella' fil-ghodu sabiex jigi nterrogat. Huwa ma vverifikax min kien fic-cella qablu. Qal ukoll illi nizlu fic-cella mill-ewwel hekk kif indunaw li l-boroz ma kinux ghadhom fuq l-iskrivanija. Qal illi fir-*reception area*, fil-qasrija, instabet il-borza bit-*tag* tal-pulizija u cioe` il-borza li fiha kien hemm il-qratas, liema borza kienet imcarrta u vojta, hlief ghat-*tag* relatata mal-imputat.

Il-Prosekuzzjoni esebiet vera kopja tal-process verbal li jikkontjeni l-istqarrija guramentata ta' **Mark Anthony Ellul** ai termini tal-Artikolu 24A tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.[4] F'din l-istqarrija tal-4 ta' Marzu 2009, liema stqarrija huwa kkonfermaha bil-gurament tieghu, Ellul jghid illi huwa jixtri d-droga eroina u kokaina minghand terza persuna u li kien ilu jixtri minghandu xahrejn jew tliet xhur. Mistoqsi kemm jixtri kull darba bhala ammont ta' droga, huwa jghid illi jixtri pakkett ta' €25 eroina u pakkett iehor ta' €25 kokaina. Mistoqsi jekk kienx ha jixtri minghand din l-istess persuna meta gie arrestat fit-3 ta' Marzu

[4] A fol. 75 *et seq* tal-process.

2009, huwa jghid "*Dakinhar le. Ma mortx ghax kellu jgibli Kenneth Ellul mieghu bil-flus tieghi*".[5] Ikkonferma li kien hu li qal lil Kenneth Ellul biex igiblu d-droga u li Ellul kellu jgiblu b'€25 kokaina.

Fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, **Mark Anthony Ellul**[6], jghid illi huwa jaf lill-imputat, li sar jafu tramite t-tfajla tieghu fis-sena 2009 u li kienu jiehdu u juzaw id-droga flimkien u cioe` kokaina u eroina. Mistoqsi x'kien gara fit-3 ta' Marzu 2009, huwa jghid illi kien sar *raid* fid-dar ta' Donna u Amanda, li nesa x'kunjomhom, fejn kienu qeghdin hu, l-imputat u xi nies ohrajn, gewwa Hal Tarxien. Fid-dar kien joqghod ukoll l-imputat u li wahda minn dawn it-tfajliet ossia Amanda, kienet it-tfajla tal-imputat. Qal illi kellhom xi affarijiet misruqin – li nstabu fil-karozza tieghu - u jekk jiftakar sew, dakinhar kellhom biss kokaina, li nstabet ghand l-imputat. Mistoqsi kif il-kokaina spiccat ghand l-imputat, huwa qal illi huma kienu jaqsmu l-flus u jinqdew flimkien. Mistoqsi jekk dakinhar kinux ftehmu xi haga dwar din il-kokaina, ix-xhud wiegeb li ma jiftakarx. B'referenza ghax-xhieda tieghu illi hu u l-imputat kienu jiehdu l-kokaina u l-eroina flimkien u mistoqsi min kien igib din id-droga, huwa qal illi generalment kienu jaqsmu l-flus – hu johrog sehmu u l-imputat johrog sehmu - u jmorru jinqdew. Qal illi generalment kienu jmorru jinqdew u jixtruha flimkien minghand terza persuna. Mistoqsi jekk kinux jaghmlu dejjem hekk, ix-xhud wiegeb "*Ifhem f'dik il-hajja ma tantx xi hadd jafda lil haddiehor li jmur jinqeda bil-flus tieghu. Dik hi l-verita`. Jien ma kontx ser nafda lil Kenneth u nimmagina li lanqas Kenneth ma kien ser jafda lili*".[7] Ix-xhud qal illi dakinhar mar hemmhekk biex jiehdu d-droga, izda meta mar ma kien hemm xejn, qasmu l-flus u marru biex jinqdew. Qal illi dakinhar mar l-imputat biex jixtri d-droga, ix-xhud tah €25 u ftehmu li l-imputat jixtri nofs gramma kokaina. Qal illi ma jafx fejn l-imputat kellu jiltaqa' mal-persuna li minghandha kellu jixtri d-droga. Mistoqsi kif kien il-ftehim, huwa qal illi generalment, huwa kien jaqbad u jmur hemm, fid-dar fejn kien jghix l-imputat, izda peress illi ghaddew tliet snin minn meta sehh il-kaz, ma kienx jiftakar x'ghamel ezatt dakinhar. Ikkonferma li mar hemmhekk u qal illi dejjem nofs gramma kienu jixtru u li din kienet tiswa €50. Mistoqsi ghalfejn dakinhar mar jixtri l-imputat u mhux hu, wara li huwa kien

[5] A fol. 85 tal-process.
[6] A fol. 92 *et seq* tal-process.
[7] A fol. 96 tal-process.

qal illi s-soltu kienu jixtru t-tnejn flimkien, qal illi ma kellux idea ghaliex ma marx mal-imputat. Wara li gie mfakkar mill-Qorti li kien qed jixhed bil-gurament u gie mwissi sabiex jghid il-verita`, ix-xhud qal illi dakinhar Kenneth mar mat-Tito biex jixtri d-droga, li kien qieghed fid-dar ukoll. Mistoqsi jekk l-imputat kellux xi dejn mieghu dak iz-zmien jew jekk hu kellux jaghti xi flus lill-imputat, ix-xhud wiegeb li ma jiftakarx u li m'ghandux idea. Meta gie ssuggerit lilu illi dakinhar l-imputat gab in-nofs gramma kokaina, ix-xhud wiegeb fl-affermattiv u qal li madankollu r-*raid* mill-pulizija sehh qabel l-imputat dahal fid-dar u kif kien ghadu diehel fid-*drive in.* Ghalhekk ma lahaqx tah id-droga. Mistoqsi jekk l-imputat kienx gablu d-droga drabi ohrajn apparti dakinhar, ix-xhud wiegeb fin-negattiv u rega' qal illi generalment kienu jmorru flimkien u li dan kienu ilhom jaghmluh minn Jannar tas-sena 2009, ghaliex daqshekk kien ilu jaf lill-imputat. Qal illi meta kienu jmorru jixtru flimkien, kienu jehduha dak il-hin, kif jaslu d-dar, id-droga ma kinux jaqsmuha, izda kienu jitfughha fl-imgharfa, jsajjruha flimkien, jigbudha fil-labra u jehduha. Drabi kien isajjar id-droga hu u drabi ohra kien isajjarha l-imputat.

In kontro-ezami, ix-xhud ikkonferma illi d-droga kienet tinxtara minnhom flimkien, li kienu jmorru fil-post fejn kien jghix l-imputat u li dakinhar huwa kien rega' mar fl-istess post biex jiehdu d-droga flimkien. Qal illi kienu jsajjru kemm il-kokaina, kif ukoll l-eroina u qal illi fil-maggoranza tad-drabi kienu johorgu l-istess ammont ta' flus biex jixtru d-droga, izda mhux dejjem kienu jaghmlu dan. Mistoqsi jekk kienx hemm drabi meta wiehed hareg izjed flus mill-iehor, huwa qal illi f'dik il-hajja dejjem tkun *broke* u li generalment wiehed jikkumpensa jew ipatti ghall-iehor.

Fuq talba tad-difiza, milqugha mill-Qorti permezz ta' digriet tal-4 ta' Frar 2013, il-Prosekuzzjoni esebiet fedina penali aggornata tax-xhud Mark Anthony Ellul. Din fil-fatt tinsab esebita fl-atti ta' dawn il-proceduri. Minnha jirrizulta illi l-imsemmi Ellul instab hati ta' pussess tad-droga eroina (fi tliet okkazzjonijiet), raza tal-*cannabis* u kokaina, serq aggravat, ricettazzjoni u hsara volontarja (b'referenza ghat-2 ta' Marzu 2009) u serq aggravat, ricettazzjoni u hsara volontarja (b'referenza ghal Jannar u Frar tas-sena 2009).

Xehed ukoll **l-Ispizjar Mario Mifsud**[8], mahtur fil-mori ta' dawn il-proceduri sabiex janalizza z-zewgt iqratas esebiti bhala parti minn Dok. JF4[9], li qal illi fl-esebit li gie moghti lilu, huwa ma sab l-ebda boroz u ghalhekk ma setax jaghmel l-analizi tieghu. Spjega wkoll illi meta huwa fetah l-esebit, huwa sab biss l-borza bit-*tag* issigillata gewwa *envelope* zghir li kien f'*envelope* kbir. Dwar dan fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2012, gie vverbalizzat illi fuq ordni tal-Qorti, l-*envelope* immarkat Dok. JF4 gie miftuh mid-Deputat Registratur u fih instabu l-*mobile phone*, *sim card* u *envelope* iehor li kien fih *tag* biss. Fil-borza bit-*tag* kien hemm ticrita tonda ta' cirka 1.5 jew 2 cm dijametru. Gie vverbalizzat ukoll illi l-Ispettur Fenech irrileva li huwa kien esebixxa l-borza tal-*plastic* bit-*tag* bis-*sachets* vojta biex dawn jigu analizzati ghal tracci ta' droga.

L-imputat irrilaxxja zewg stqarrijiet, wahda fl-4 ta' Marzu 2009 u ohra fil-5 ta' Marzu 2009 u dan wara li nghata s-solita twissija ossia li kellu d-dritt li jibqa' sieket, izda dak li jghid jista' jingieb bhala prova. Fis-seduta tat-28 ta' Marzu 2014, id-difiza oggezzjonat ghat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tiehu konjizzjoni ta' dawn l-istqarrijiet u dan stante illi dawn ittiehdu lill-imputat minghajr ma huwa nghata l-opportunita` li jiehu parir legali qabel l-interrogatorju tieghu. Ghaldaqstant, id-difiza talbet illi dawn jigu skartati. F'dak l-istadju, il-Qorti wara li rreferiet ghas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Charles Steven Muscat vs Avukat Generali** tat-8 ta' Ottubru 2012 u **Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** tas-26 ta' April 2013, cahdet it-talba tad-difiza.

Jirrizulta illi l-imputat irrilaxxja dawn iz-zewg stqarrijiet lill-pulizija, fil-kors tal-investigazzjoni taghha, f'Marzu tas-sena 2009, meta l-ligi ma kinitx tippermetti li persuna suspettata tikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogatorju taghha mill-pulizija. Fil-fatt dan id-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010 permezz tal-Avviz Legali 35/2010.

Din il-Qorti tirreferi ghal diversi sentenzi ohrajn li trattaw dan il-punt *inter alia* is-segwenti: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Antonio Abdilla et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Mejju 2013, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmel**

[8] A fol. 88 *et seq* tal-process.
[9] Ara d-digriet a fol. 24 tal-process.

**Saliba**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Mejju 2013, **Il-Pulizija vs Jesmond Camilleri**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' April 2013, **Il-Pulizija vs Alexei Zerafa**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 2013, **Il-Pulizija vs Paul Cutajar** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Gunju 2013, **Il-Pulizija vs Deborah Osmond**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Ottubru 2013 u **Il-Pulizija vs Robert Busuttil**, deciza mill-istess Qorti fl-20 ta' Frar 2014 u **Anthony Taliana vs Kummissarju tal-Pulizija et**, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta' Frar 2015.

F'dan il-kaz, jirrizulta illi fiz-zmien li huwa rrilaxxja l-istqarrijiet tieghu, l-imputat kellu 34 sena u l-fedina penali tieghu lanqas ma kienet xi wahda netta. Anzi sad-data li fiha huwa rrilaxxja dawn l-istqarrijiet, huwa kien diga` nstab hati ta' diversi reati *inter alia* ta' serq aggravat (f' erba' okkazzjonijiet), attentat ta' serq aggravat (dwar liema huwa gie kkundannat hmistax-il xahar prigunerija), hsara volontarja, pussess semplici ta' droga (f'hames okkazjonijiet) u traffikar ta' droga (dwar liema huwa gie kkundannat sentejn prigunerija).[10] Huwa evidenti ghalhekk illi l-imputat kien midhla sew tal-pulizija u tal-mod kif isiru l-interrogazzjonijiet u ma kienx ser jintimida ruhu bl-ambjent fejn sar l-interrogatorju tieghu.

L-imputat lanqas ma allega illi gie msawwat jew mhedded jew imqarraq biex ghamel l-istqarrijiet jew li kien ibati minn xi vulnerabilita` partikolari xort'ohra meta ghamilhom. Il-presenza ta' avukat hija garanzija li ma jsirux abbuzi bhal dawn, izda ma saret l-ebda allegazzjoni mid-difiza li dan fil-fatt sehh fil-kaz tieghu. Minkejja n-nuqqas ta' ghajnuna ta' avukat, ghalhekk, ma kien hemm xejn illecitu jew abbuziv fit-tehid ta' dawn l-istqarrijiet. L-imputat kien ukoll inghata s-solitu twissija, qabel ma rrilaxja l-istqarrijiet tieghu, fis-sens illi huwa ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma jkunx jixtieq li jaghmel dan, imma dak li jinghad jista' jingieb bhala prova, liema twissija jidher li fehmha sew, tant illi ezercita d-dritt tieghu li ma jwegibx diversi drabi fit-tieni stqarrija rilaxxjata minnu. Ghaldaqstant fuq skorta tal-imsemmija sentenzi u fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tqis l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat bhala prova ammissibbli.

[10] A fol. 2 *et seq* tal-process.

Fl-ewwel stqarrija tieghu tal-4 ta’ Marzu 2009[11], **l-imputat** qal illi huwa jaf lil Mark Anthony Ellul mid-dar ta’ Amanda u dan ghaliex huwa jigi hdejn oht Amanda, li jisimha Donna. Qal illi huwa johrog ma’ Amanda u li kien ilu maghha minn Awwissu ta’ qabel. Mistoqsi minn fejn gab l-oggetti tad-deheb li nstabu fuqu fil-jum ta’ qabel, huwa qal illi dawn taghthomlu Amanda biex ibieghhom, li d-deheb kien ta’ ommha u li dawn kienu ser ibieghuhom biex jixtru d-droga. Mistoqsi jiehux *methadone*, huwa wiegeb fl-affermattiv u mistoqsi jiehux eroina u kokaina, minbarra l-*methadone*, huwa qal illi jiehu l-eroina, izda kokaina ma jiehux kuljum. L-ahhar li ha l-kokaina kien fil-jum ta’ qabel. Mistoqsi ma’ min kien meta hadha, qal illi huwa jiehu ma’ Amanda biss u li ma jiehux minn warajha. Mistoqsi jekk gieli qasamx maghha, huwa wiegeb “*kuljum*”.[12] Mistoqsi jekk jixtrix ghalih u hi ghaliha, huwa wiegeb “*Le tat-tnejn ikunu l-flus*”[13] u mistoqsi jekk jixtrix dejjem hu, wiegeb li mhux dejjem u li hija tixtri wkoll. Mistoqsi allura ghal min kienu z-zewg pakketti li nstabu fil-pussess tieghu, huwa wiegeb li dawn kienu biex jaqsamhom maghha u li wiehed kien kokaina u l-iehor kien eroina. Mistoqsi kemm kellu droga fuqu fil-jum ta’ qabel, huwa wiegeb li kellu 0.2 grammi kokaina u 0.1 grammi eroina u li taghhom hallas €70. Mill-bqija, l-istqarrija tirrigwarda domandi u twegibiet li m’humiex relatati mal-imputazzjonijiet odjerni. Fit-tieni stqarrija rilaxxjata minnu[14], l-imputat ikkonferma illi l-pakketti li nstabu fil-pussess tieghu fil-jum ta’ qabel, kien fihom l-eroina u l-kokaina.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

L-imputat jinsab akkuzat talli fit-3 ta’ Marzu 2009 u fit-tliet xhur ta’ qabel din id-data, huwa forna u ipprokura d-drogi eroina u kokaina, kellu fil-pussess

[11] A fol. 32 *et seq* tal-process.
[12] A fol. 33 tal-process.
[13] A fol. 33 tal-process.
[14] A fol. 35 *et seq* tal-process.

tieghu d-drogi eroina u kokaina, kif ukoll talli ssoprima jew qered it-tracci jew indizji ta’ reat.

Fir-rigward ta’ l-ahhar tliet imputazzjonijiet, ossia dawk li jikkontemplaw il-pussess semplici tad-droga u r-reat taht l-Artikolu 111 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, stante illi l-piena ghal dawn ir-reati ma teccedix dik ta’ sena prigunerija, ai termini tal-Artikolu 688(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, dawn ir-reati huma preskrivibbli bl-eghluq ta’ hames snin. Fil-waqt illi dawn l-imputazzjonijiet jirreferu ghat-3 ta’ Marzu 2009 u t-tliet xhur ta’ qabel din id-data, l-akkuzi gew moqrija mill-gdid u kkonfermati bil-gurament fit-28 ta’ Marzu 2014 u ghalhekk wara li ghaddew izjed minn hames snin mid-data li ghaliha jirreferu l-istess imputazzjonijiet. Ghaldaqstant, l-azzjoni kriminali fir-rigward tat-tielet, ir-raba’ u l-hames imputazzjonijiet hija preskritta.

Il-Qorti sejra ghalhekk tezamina l-provi mressqa fir-rigward tal-ewwel zewg imputazzjonijiet. F’dan ir-rigward, il-Prosekuzzjoni ressqet bhala xhud lil Mark Anthony Ellul li, jum wara li gie arrestat flimkien mal-imputat u persuni ohrajn li kienu fuq il-post meta l-pulizija ghamlet tfittxija fuq il-persuna tal-imputat u fir-residenza tieghu, irrilaxxja stqarrija u kkonfermaha bil-gurament tieghu skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 24A tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dwar din ix-xhieda, il-Qorti tinnota illi x-xhieda ta’ Mark Anthony Ellul hija sa certu punt korroborata bil-fatt illi l-istess xhud instab fir-residenza in kwistjoni jew barra l-istess residenza u mill-fatt illi mix-xhieda ta’ PS 1086 u PS 579, jirrizulta illi hekk kif twaqqaf mill-pulizija, l-imputat kien akkumpanjat minn certu Jesmond Cassar, li twaqqaf hekk kif kien ghadu kif nizel minn vettura u li fil-pussess tal-imputat, instabu zewgt iqratas li, b’ammissjoni tal-imputat stess fl-istqarrijiet rilaxxjati minnu, wiehed kien fih il-kokaina u l-iehor, l-eroina. Biss, apparti illi fl-ewwel stqarrija tieghu, l-imputat jghid illi d-droga li nstabet fil-pussess tieghu kienet intiza ghalih u ghal Amanda, li dak iz-zmien kienet it-tfajla tieghu, huwa jghid ukoll illi dawn il-qratas kien fihom 0.2 gramma kokaina u 0.1 gramma eroina. Dwar dan, stante illi l-qratas in kwistjoni gew nieqsa, kif

gie spjegat fix-xhieda tal-Ispettur Johann J. Fenech, ma setghetx issir l-analizi tad-droga, inkluz tal-piz tal-istess u ghaldaqstant, il-Qorti m'ghandhiex prova dwar l-ammont tas-sustanza, ghajr ghal dak li jghid l-imputat fl-ewwel stqarrija tieghu. Ghaldaqstant, il-Qorti lanqas m'ghandha prova illi l-imputat kellu fil-pussess tieghu, nofs gramma kokaina ossia l-ammont li skond ix-xhud, kienu ftehmu li ghandu jixtri l-imputat. Il-Qorti tinnota wkoll illi fil-waqt illi x-xhud jghid illi l-imputat u hu generalment kienu jixtru d-droga flimkien u anke jwiegeb fin-negattiv meta mistoqsi jekk apparti t-3 ta' Marzu 2009, kienx hemm drabi ohra li mar jixtri d-droga l-imputat ghalihom it-tnejn, l-istess xhud baqa' ma ta l-ebda spjegazzjoni jew gustifikazzjoni, ghaliex proprju dakinhar kienu ftehmu li kellu jmur jixtri d-droga l-imputat, meta fix-xhieda tieghu, izjed qabel, huwa jghid ukoll illi huma kienu jmorru jixtru d-droga flimkien, <u>ghaliex hu ma kienx jafda lill-imputat li jmur jixtri d-droga bi flusu</u>. Mhux biss, izda l-Qorti tinnota wkoll illi meta mistoqsi biex jaghti spjegazzjoni ghaliex proprju dakinhar, kienu waslu ghall-ftehim allegat minnu, il-Qorti kif diversament preseduta, wissiet lix-xhud illi kien qed jixhed bil-gurament u li kellu jghid il-verita` kollha. Tenut kont dawn ic-cirkostanzi, kif ukoll illi proprju l-ghada stess li rrilaxxja l-istqarrija tieghu, l-istess xhud, fuq ammissjoni, instab hati tad-diversi imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, fosthom serq aggravat u hsara volontarja u li ghalhekk ix-xhud kellu kull interess li jikkopera mal-pulizija, tant illi din il-kooperazzjoni tieghu ttiehdet ukoll in konsiderazzjoni mill-Qorti ghal fini ta' piena fis-sentenza taghha tal-5 ta' Marzu 2009,[15] il-Qorti ma tistax tasal ghall-konvinciment morali illi d-droga misjuba fil-pussess tal-imputat jew parti minnha nhar it-3 ta' Marzu 2009, kienet intiza ghax-xhud Mark Anthony Ellul.

Madankollu, fl-ewwel stqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat jammetti illi d-droga misjuba fuqu – ossia 0.2 gramma kokaina u 0.1 gramma eroina - kienet intiza sabiex jaqsamha mat-tfajla tieghu, certu Amanda. Li jfisser illi l-imputat u l-istess Amanda kienu jiehdu l-eroina u l-kokaina flimkien. L-imputat jghid ukoll illi huwa jaqsam id-droga maghha kuljum, li l-ahhar li ha droga kokaina kien fil-jum ta' qabel mal-istess Amanda u li huwa jiehu l-eroina u l-kokaina, ghalkemm ma kienx jiehu l-kokaina kuljum. Isegwi minn dan illi l-imputat u t-tfajla tieghu kienu jaqsmu kuljum id-droga eroina u kienu jaqsmu wkoll il-kokaina,

[15] Ara din is-sentenza esebita mid-difiza a fol. 114 *et seq* tal-process.

ghalkemm mhux ta' kuljum. Qal illi huwa jixtri bil-flus tat-tnejn li huma u li mhux dejjem kien jixtri hu, ghaliex hija kienet tixtri wkoll.

Fl-ewwel lok, ghalkemm l-analizi tad-droga misjuba fil-pussess tal-imputat ma saritx ghar-ragunijiet indikati izjed 'il fuq, il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju illi d-droga misjuba fil-pussess tal-imputat kienet proprju droga kokaina u eroina, u dan kif jammetti huwa stess fl-istqarrijiet rilaxxjati minnu. F'dan ir-rigward, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sharon O'Neil**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Jannar 2004, fejn inghad hekk:

"*Tikkontendi* [l-appellanti] *li s-sempliċi fatt li hija ammettiet li kellha fil-pussess tagħha u li xtrat għal ħaddiehor ir-raża tal-cannabis kif ukoll l-"ecstasy", ma kienx biżżejjed biex il-prosekuzzjoni tipprova sal-grad rikjest mil-liġi l-element materjali tar-reat, u dan peress li dak li hija xtrat seta' ma kienx verament raza tal-cannabis jew "ecstasy".*

*Dan l-aggravju huwa, fic-cirkostanzi, wieħed infondat. Huwa veru li, fl-assenza tas-sejba ta' droga u fl-assenza ta' l-analiżi tagħha, jista' jkun hemm ċirkostanzi li jitfgħu dubju dwar kemm verament l-oġġett li dak li jkun xtara (jew żamm jew għadda lil ħaddieħor) kien droga projbita mil-liġi. Mill-banda l-oħra, meta si tratta ta' oġġett li jiġi kkunsmat, tkun haġa assurda li wieħed jippretendi li f'kull każ, biex tinstab ħtija, hemm bżonn li tinstab ukoll xi droga jew traċċi tagħha jew oġġetti relatati ma' l-abbuż tad-droga. Fi kliem ieħor, jekk qorti tkun sodisfatta – bħalma l-ewwel qorti kienet sodisfatta f'dan il-każ – li dak li qed jammetti l-imputat huwa minnu, u cioe` f'dan il-każ li l-appellanti verament kellha r-raza tal-cannabis u l- "ecstasy", u mhux xi "oġġett" ieħor, allura l-ħtija tista' tiġi bbażata esklussivament fuq tali ammissjoni."*

Din is-sentenza giet abbraccjata wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kif diversament presjeduta, fis-sentenza taghha tal-20 ta' Settembru 2013, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Matthew Saviour Felice Pace**. Fil-kaz **Il-Pulizija vs Richard**

**Borg**, deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Settembru 2002, il-Qorti wkoll kienet irrimarkat illi jista' jwassal "*ghal precedent perikoluz biex kull ammissjoni dwar droga ma jkollha ebda effett probatorju jekk ma tkunx akkumpanjata b'analisi tad-droga innifisha, analisi li f'hafna kazijiet ma tkunx tista' ssir, ghas-semplici raguni li d-droga tkun lahqet giet ikkunsmata jew ma tinstabx*". F'dak il-kaz, fl-istqarrija tieghu, l-imputat kien ammetta *inter alia* illi kuljum huwa kien jiehu zewg pakketti eroina u li d-droga li nstabet fuqu kienet eroina li kien xtraha fil-ghodu stess u li kien ukoll ikkonsma minnha.

Fil-kaz odjern, din ma kinitx l-ewwel darba li l-imputat kien xtara l-kokaina u l-eroina, kif jammetti huwa stess fl-istqarrija tieghu, meta jghid illi huwa kien jikkonsma l-eroina u l-kokaina, ghalkemm ma kienx jikkonsma l-kokaina kuljum. Ghalhekk l-imputat kien jaf ben tajjeb x'kienu l-kokaina u l-eroina u l-Qorti hija moralment konvinta illi d-droga li dwarha tkellem l-imputat fl-ewwel stqarrija tieghu, kienet verament droga eroina u kokaina.

Fit-tieni lok, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-5 ta' Mejju 2008, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marco Galea**, fejn dik il-Qorti qalet hekk dwar l-elementi ta' dak komunement maghruf bhala *trafficking by sharing* ikkontemplat fl-ewwel proviso ghas-sub-artikolu (9) tal-Artikolu 22 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta:

"*Is-subartikolu (9) in dizamina jipprovdi li ghar-reat, fost ohrajn, ta' bejgh jew traffikar ta' droga bi ksur tad- disposizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza ma jkunux applikabbli d-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 21 (inzul taht il-minimu) u 28A (sentenza ta' prigunerija sospiza) tal-Kodici Kriminali, kif ukoll lanqas ma jkunu applikabbli d-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation. Ir-rizultat ta' din il-projbizzjoni hi li fil-kaz ta' tali bejgh jew traffikar trid dejjem tigi applikata l-piena ta' prigunerija u ta' multa ghall-anqas fil-minimu taghhom – f'dan il-kaz, trattandosi ta' proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati, il-minimu huwa ta' sitt xhur prigunerija u multa ta' Euro 465.87. L-ewwel proviso ghal dan is-*

*subartikolu gie introdott, kif tajjeb osservat l-ewwel qorti fis-sentenza appellata, bl-Att XVI ta' l-2006, u jipprovdi hekk:*

***"Izda meta, dwar xi reat imsemmi f'dan is-subartikolu, wara li jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-ammont u x-xorta tal-medicina in kwistjoni, ix-xorta ta' persuna involuta, l-ghadd u n-natura ta' kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inkluzi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taht l-Att dwar il-Probation, il-Qorti tkun tal-fehma li <u>l-hati kien bi hsiebu jikkonsma l-medicina f'dak l-istess post flimkien ma' ohrajn</u>, il-Qorti tista' tiddeciedi li ma tapplikax id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu…"*** *(sottolinear ta' din il-Qorti).*

*Huwa evidenti mid-dicitura tal-ligi li, apparti konsiderazzjonijiet ohra li l-qorti ghandha tizen sew qabel ma tapplika dan l-ewwel proviso (fosthom l-ammont u x- xorta ta' medicina involuta, ecc), trid tkun tirrikorri wkoll sitwazzjoni partikolari fejn id-droga tkun ser tigi, jew tkun giet, ikkunsmata (i) fl-istess post u (ii) minn min ikun qed jipprovdiha flimkien ma' ghall-anqas persuna ohra. Il-kliem "flimkien" u "fl-istess post" jissottolineaw l-element ta' komunanza – dak li aktar popolarment jissejjah "sharing" – jigifieri li dak li jkollu id-droga <u>intiza ghalih</u> jiddeciedi li jaqsamha ma' haddiehor <u>f'dak l-istess waqt li jkun qed jikkunsmaha huwa stess</u>. Kif inhu risaput, fil-ligi taghna min joffri d-droga, li jkollu ghall-uzu tieghu, lil haddiehor – cioe` jaqsamha ma' haddiehor – ikun qieghed jipprovdi ("supply" fit-test ingliz) dik id-droga ghall-finijiet tad-definizzjoni ta' traffikar (Art. 22(1B)), u, per konsegwenza, ikun qed jitraffika dik id-droga. Dak li l-legislatur ried kien li meta jkollok kazijiet zghar u izolati ta' "sharing" – persuna jkollha d-droga ghaliha u taqsamha ma' haddiehor – tkun tista' (izda mhux bilfors – ghalhekk iridu jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz) tigi evitata, ghall-anqas ghall-ewwel darba, il-piena mandatorja ta' prigunerija b'effett immedjat."*

Issa, fil-kaz in dizamina, ghalkemm l-imputat u t-tfajla tieghu, kienu jabbuzaw mid-droga eroina u kokaina flimkien u fl-istess post, madankollu huwa nieqes

wiehed mill-elementi ta’ *sharing* kif spjegat fil-bran citat. Jirrizulta illi fiz-zmien in kwistjoni, l-imputat (u skond hu, anke t-tfajla tieghu f’xi okkazzjonijiet) kien jixtri l-eroina u l-kokaina mhux biss ghalih, izda wkoll ghat-tfajla tieghu u li t-tfajla tieghu kienet tohrog sehmha ghall-istess droga. Fi kliem iehor, l-imputat kien jipprovdi d-droga eroina u kokaina lit-tfajla tieghu ukoll u dan versu l-korrispettiv ta’ hlas, ghalkemm kienu jikkonsmaw din id-droga flimkien u fl-istess post. Ma kienx ghalhekk il-kaz li l-imputat kien qed jaqsam id-droga tieghu jew li kienet intiza ghalih mat-tfajla tieghu, ghaliex *a priori* huwa kien jixtri d-droga kokaina u eroina kemm ghalih, kif ukoll ghat-tfajla tieghu. L-imputat ma kienx jixtri d-droga ghalih biss, izda appozitament ghat-tfajla wkoll, li kienet thallsu ghal sehmha mill-istess.

Ghaldaqstant, fil-waqt illi tqis illi l-Prosekuzzjoni ppruvat sodisfacentement u fil-grad rikjest mil-ligi, l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, il-Qorti hija tal-fehma illi dan m’huwiex kaz ta’ traffikar *by sharing* u konsegwentement m’huwiex applikabbli l-*proviso* ghall-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dan apparti illi skond l-istess *proviso* u sabiex il-Qorti tapplika l-istess, hija ghandha tqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz l-ammont u x-xorta tal-medicini in kwistjoni, ix-xorta ta’ persuna involuta u anke l-ghadd u n-natura ta’ kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inkluzi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taht l-Att dwar il-Probation. Jirrizulta f’dan il-kaz illi hawnhekk si tratta kemm ta’ droga eroina, kif ukoll ta’ droga kokaina u l-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tar-reati odjerni kienet diga` wahda refrattarja. Anzi huwa kien diga` nstab hati ta’ diversi reati inkluz reati li jinvolvu d-droga – mill-fedina penali tieghu, jirrizulta illi l-imputat instab hati *inter alia* ta’ traffikar tar-raza tal-*cannabis* u tad-droga eroina, bl-aggravju tad-distanza u f’dan ir-rigward gie kkundannat ghal sentejn prigunerija u nstab hati wkoll ta’ pussess semplici tad-droga, f’hames okkazzjonijiet, dwar liema nghata liberazzjoni kundizzjonata u piena pekunjarja (f’zewg okkazzjonijiet) u tqieghed taht Ordni ta’ *Probation,* f’zewg okkazzjonijiet. Dan apparti illi dwar reati ohra, l-imputat inghata liberazzjoni kundizzjonata f’erba’ okkazzjonijiet ohrajn. Ghaldaqstant, apparti

l-kunsiderazzjonijiet fuq maghmula dwar kif din il-Qorti ma tqisx li dan huwa kaz ta' traffikar *by* sharing ai termini tal-*proviso* imsemmi, *in ogni caso* fic-cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti tqis ukoll illi anke ghal dawn ir-ragunijiet, m'ghandux japplika l-istess *proviso* fir-rigward tal-imputat odjern.

L-imputat gie addebitat ukoll bir-recidiva. F'dan ir-rigward, il-Prosekuzzjoni esebiet erba' sentenzi. L-ewwel sentenza, esebita a fol. 38 tal-process, inghatat mill-Qorti tal-Magistrati, kif preseduta minn dak iz-zmien il-Magistrat Dr. Antonio Mizzi, illum Imhallef, fis-16 ta' Gunju 2004, fir-rigward ta' *inter alia* Kenneth Ellul, iben Joseph, imwieled il-Pieta` fil-15 ta' Settembru 1974. Dawn il-konnotati jaqblu mal-konnotati tal-imputat odjern. Permezz ta' dik is-sentenza, l-imputat gie kkundannat ghal piena ta' multa ta' Lm500. Permezz tat-tieni sentenza, esebita a fol. 42 tal-process, moghtija minn din il-Qorti, kif preseduta mill-Magistrat Dr. Jacqueline Padovani Grima, illum Imhallef, fit-30 ta' Ottubru 2007, Kenneth Ellul li, mill-konnotati tieghu f'dik is-sentenza, wkoll jirrizulta illi huwa l-imputat odjern, gie kkundannat ghal piena ta' multa ta' Lm250. Permezz ta' sentenza ohra tal-31 ta' Ottubru 2006, esebita a fol. 48 tal-process, l-imputat odjern gie kkundannat minn din il-Qorti, kif preseduta mill-Magistrat Antonio Mizzi, ghal piena ta' hmistax-il xahar prigunerija u finalment, permezz ta' sentenza ohra tat-23 ta' Gunju 2003, moghtija minn din il-Qorti, kif preseduta mill-Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera fil-konfront tal-imputat odjern, esebita a fol. 50 tal-process, huwa gie kkundannat ghal piena ta' sentejn prigunerija. Ghaldaqstant, jirrizulta car illi l-imputat huwa recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Piena</u>**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tar-reati in kwistjoni, dwar liema fedina penali inghad bizzejjed izjed 'il fuq f'din is-sentenza.

Qieset ukoll ic-cirkostanzi tal-kaz u dak li wassal lill-Qorti sabiex issib htija fl-imputat fir-rigward tal-ewwel zewg imputazzjonijiet, kif ukoll illi fil-pussess tal-imputat, fil-jum in kwistjoni, instabu zewgt iqratas tad-droga kokaina u eroina li, skond l-imputat kellhom pizijiet minimi.

Ghal fini ta’ piena, il-Qorti applikat ukoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(b) u (f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939 u l-Artikoli 17 (b) u (f), 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed issib lill-imputat hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u tal-addebitu tar-recidiva migjuba fil-konfront tieghu u qeghda tikkundannah ghall-piena ta’ **disa’ (9) xhur prigunerija effettiva** u **multa ta’ seba’ mija u hamsin Euro** (**€750)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tista’ tithallas mill-hati fi zmien tliet (3) snin mil-lum. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont fiz-zmien lilu preskritt, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Fir-rigward tat-tielet, ir-raba’ u l-hames imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, stante illi dawn huma preskritti, l-imputat qed jigi liberat minn kwalsiasi htija u piena dwar dawn l-istess imputazzjonijiet

Tordna r-rilaxx tal-*mobile*, formanti parti minn Dokument JF4, favur il-hati.

Stante illi ma saru l-ebda spejjez in konnessjoni mal-hatra ta' esperti f'dawn il-proceduri, il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------